Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-10 ta' Ottubru 2019

**Pulizija**

**vs**

**Jordan Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra Jordan Azzopardi li joqghod: Sundream, Fl 2b, Triq It-Turisti, San Pawl Il-Bahar, imma prezentament residenti Ccf, ta' 27 sena, iben Ivan U Jennifer Anne Meldrum, imwieled fid-26 ta' Awwissu, 1989 u detendtur tal-Karta tal-Identita Numru 0405889M.

Talli huwa gie akkuzat illi nhar is-26 ta' Frar 2019 gewwa l-Ajruport Internazzjonali mingħajr il-liċenza jew il-permess tal-Kummissarju importa arma regolari imsemmija bi ksur tal-artikolu *3(a) tal- Kapitolu 480* tal-Kodici ta' Malta. (Skeda 1 Taqsima 2).

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49(2) ta' l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-*Corpus Delicti*.

**Il-Qorti,**

Rat il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat il-fedina penali tal-imputat *a fol*. 3 u 4 tal-process.

Rat l-istqarrija tal-imputat *a fol.* 8 u 9 tal-process fejn huwa ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmula lilu.

Semghat lil Josephine Grima tixhed fis-27 ta' Gunju 2019 fejn ipprezentat il-*corpus delicti* u cioe' ponn tal-hadid, mmarkat bhala JA 2, kif ukoll Nota ta' Qbid mmarkat JA1.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2019.

Semghet it-trattazjoni tad-difiza fuq il-piena, wara li l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Gunju 2019, fejn l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghad-decizzjoni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2019 l-imputat irregistra ammissjoni, fejn wara li din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu, u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha, l-imputat rega' rregistra amissjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat ulterjorment

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputat l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3(a), 51(1)(a) u l-ewwel *proviso* t'Artikolu 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed ssib lil-imputat hati ta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa t'**elf Euro (€1,000).**

Il-Qorti qedha wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-ponn tal-hadid ezebit in atti u mmarkat JA2.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat